Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 36

Data tal-laqgħa: 30 ta' Settembru 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mark Mallia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

36.1.1 Ma kien hemm edba ittri ta' apoloġija.

## 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

36.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 35. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

36.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Andre Grech, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 36.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

34.11 **Park Lane Project**

Għal xi raġuni il-Perit dwar dan il-proġett għadu ma għaddiex il-punti teknici lill-Kunsill għall-evalwazzjoni tiegħu. Is- Sindku talab li mingħajr ebda dewmien bħala Kunsill għandna nagħmlu pressjoni miegħu biex dawn jingħataw.

35.4.7 **Art Exhibition**

Is- Sindku kellu laqgħa mas – Sur Twanny Darmanin li xtaq jorganizza din l-art exhibition fejn huwa qal li kienet laqgħa pozittiva u qed jissugerixxi li jkun hemm sotto kumitat biex jorganizzaw din l-exhibition. Is- sottokumitat ser ikun ffurmat mill- Kunsilliera Andre Grech u Stephen Gatt flimkien mas- Sindku.

35.4.9 Email mill-Greenpak

Minħabba tibdil temporanju tas- Segretarju Ezekuttiv dan il-Kuntratt għad irid jiġi iċċekjat u risposta tingħata fis-seduta li jmiss.

35.11 Tisbiħ tal-Playingfield

Id- Deputat Segretarju infurma lill-Kunsill li l-Perit tal-Kunsill baqa' ma bgħatx risposta. Is- Sindku talab li issir pressjoni mal-perit biex jieħu azzjoni mmedjata u jibgħat jinfurmana mingħajr ebda dewmien.

35.12 Traffic Island fi Triq Il-Kannizzata kantuniera ma' Triq Birbal

Id- Deputat Segretarju infurma lill-Kunsill li l-Perit tal-Kunsill baqa' ma bgħatx risposta. Is- Sindku talab li issir pressjoni mal-perit biex jieħu azzjoni mmedjata u jibgħat jinfurmana mingħajr ebda dewmien.

35.13 Sleeping policemen fi Triq Il-Kbira (Para. 35.13.4)

Applikazzjoni ma' Transport Malta għal sleeping policemen viċin Triq San Frangisk saret.

35.14.2 **Skema 6/2020- Proġetti mill-Kunsilli Lokali**

Is-Sindku talab li biex ma jintilfiux fondi għandhom jiġu mixtrija iz-zewġ planters kif ukoo jitħawlu il-fjuri fil-Ġnien tal-playinfield. Talab ukoll li jinġieb bowser extra biex jissaqqa l-ġnien.

## 36.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

36.4.1 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fuq it-tibdil ta' l-ismijiet tat-toroq Sqaq Nru 1 u Sqaq Nru 2 fi Triq il-Providenza. Id- Deputat S infurma lill-Kunsill li ntbgħatet email lil Street Naming Committe u r-risposta kienet fil-pozittiv pero' l-Kunsill irid japplika u trid tiġi approvata mill-istess Kumitat.

36.4.2 Is- Sindku staqsa jekk tbidlietx is- sigra tal-Ficus ġewwa Buontempo Estate biex titwaħħal siġra oħra minflokha. Id- Deputat S qal li kull siġra li tinqala' trid tiġo approvata mill- ERA u għaldaqstant ser issir appplikazzjoni għal dan il-għan.

36.4.3 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kiteb lis- Spettur ta' l-Ghassa fejn qajjem diversi temi fosthom fuq il-parkeġġ illegali li qed ikun hemm ta' kuljum fi Pjazza Bertu Fenech, tlajjar minn persuni fi Triq Il-Wied li qed idejjaq lir-residenti ta' dawk l-inħawi kif ukoll il-ħmieg tal-klieb li ta' kuljum qed iħammgu it-toroq tagħna. Minn naħa tagħha l-ispettur infurmat li ser ikun hemm aktar rondi u infurzar filwaqt li fil-kwistjoni tal-klieb hija qalet li diffiċċli li wieħed jinqabad jikser il-liġi. Hija ssuġeriet li jinħareg fuljett biex il-pubbliku ikun ċiviku u juri rispettuz lejn.

36.4.4 Is-Sindku qal li resident avviċnah biex isir r-restawr tan- Niċċa Madonna tar- Rummiena fie Triq Il-Kbira kantuniera ma' Triq Il-Providenza. Dan ir-resident fuq talba tiegħu kien saħansitra bgħat kwotazzjoni tar-restawr li tammonta għas-somma ta' € 8475.

36.4.1.1 Is- Sindku kien ta' l-opinjoni li sakemm toħrog xi skema mid- Dipartiment għal Gvern Lokali għar -restawr ta' postijiet storiċi zgħar, niktbu lill- Ministru tal-Kultura fejn nagħmlu talba formali għal fondi apposta jekk hu possibbli.

36.4.5 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fuq ir-restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija fi Triq Il-Kbira. Id-Deputat Segretarju infurma lill-Kunsill id- Dipartiment għal Gvern Lokali approva l-applikazzjoni biex isir dan ir-restawr. Fil-ġimghat li ġejjin il-Kunsill ser jiġi kkuntattjat mid- Direttorat tar- Restawr sabiex jinbeda l-proċess.

36.4.6 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li rigward ix-xogħolijiet li qed jieħdu fit-tul minn Infrastructure Malta huwa ġie infurmat mill-perit inkarigat mix-xogħolijiet wara li kien bgħat diversi emails u reminders li jekk fis- 6 ta' Ottubru 2021, Transport Malta ikollha uffiċċjali disponibbli għal dak nhar, ix-xogħolijiet jitlestew.

36.6.7 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li fir-rigward tat- Triq Antonio Micallef fejn kien ngħata il-wiċċ ġdid tat-tarmac hemm il-biza' li jekk tagħmel ix-xita din ser tikkawza xi flooding u għalhekk kien kiteb lill-Perit Galea fuq dan it-tħassib fis- 6 ta' Settembru 2021 u bgħat anke reminder fis- 27 ta' Settembru 2021 imma s'issa għad ma għandux risposta.

F'dan il-ħin ( 4.37pm) daħlet il-Viċi Sindku, is- Sna M. L Briffa

36.6.8 Is- Sindku qal li avviċinatu residenta li toqgħd Triq L-Mdina fejn din uriet l-inkwiet tagħha li ġewwa l-istess triq jista' ikun hemm tibdil fis- service road pero' l-Kunsill ma rċieva ebda komunikazzjoni minn Infrastructure Malta li ser jitwettaq dan it-tibdil.

36.6.9 Is- Sindku qal li s-sitwazzjoni tal-ġbir ta' l-iskart f'dan l-aħħar jiem dehrlu li ma laħaqx l-aspettattivi tar-residenti fejn jew f'ċertu postijiet ma kienx qed jinġabar kif ukoll il-ħin tal-ġbir li kien qed isir f'ħinijiet mhux adegwati. Għaldaqstant huwa talab lid- Deputat Seg biex jinħarġu xi default notices fil-konfront tal-Kuntrattur. Huwa talab ukoll li ssir laqgħa miegħu biex jiġu indirizzati dawn il-problemi.

## 36.5 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal- Kunsilliera

36.5.1 Il-Kunsillier Dr. DeGaetano stasa jekk kienx hemm xi zviluppi fuq il-bankina Triq Idmejda kantuniera ma' Triq San Valentin. Id- Deputat Segretarju infurmah li TM għadhom ma infurmawhx bid-deċizjoni. Ħa terġa tintbgħat reminder oħra.

36.5.2 Il-Kunsillier A. Grech ressaq suġġeriment li fu Wesgħa Guze Aquilina fejn hemm l-iskips isir speċi ta' embellishment zgħir u jitpoġġew xi pots. Il-Kunsill approva u talab lid- DS biex iġib xi kwotazzjonijiet.

## 36.6 Rapporti

36.6.1 Ma tpoġġew ebda rapporti fuq il-mejda tal-kamra għall-attenzjoni tal-Kunsill.

## 36.7 Għalqa f' Wesgħa Profs. Guze Aquilina

36.7.1 Is-Sindku talab lid- DS biex ifakkar lill-Perit tal- Kunsill minħabba d-disinji tal-pjanti riigward il-proġett tat-tisbieħ ta' l-għalqa biex jiġu sottomessi mill-aktar fiss possibbli.

36.7.2 Istalab ld- DS biex ikellem il-kuntrattur tad-dawl biex jitwaħħlu zewġ floodlights fejn l-iskips kif ukoll li titwaħħal tabella biex ma jintefax skart illegali ħdejn l-iskips.

## 36.8 Zoni ta' Bring In Sites fil-Lokalita'

36.8.1 L- ERA kompliet insistiet li skond l-Avviz Legali 146 tal-2021, Il-Kunsill lokali ta' Ħal Balzan huwa obbligat li isib sit (1) ieħor biex jiġu nstallati ir- Recycling ponts sabiex ikun hemm tnejn (2) fil-lokalita'. Il-Kunsill ma għandux triq oħra li jimxi ma' l-avviz lokali. Għaldaqstant ġie deċiz li dawn jitpoġġew fi Triq Il-Wied biswit il-parkeġġ tal-Big Ben. Ser jiġu infurmati GreenPak b'din id-deċizjoni biex nottemperaw mal-liġi.

## 36.9 Town Twinning

36.9.1 Wara lis- SE kienet kitbet lil EMCS Ltd fit-30 ta' Awwissu 2021 biex b'kollaborazzjoni magħhom tisntab lokalita' barra minn Malta għal skop ta' ġemellagg, sfortunatament din il-kunpanija baqgħet ma rrispondietx. Il-Kunsill ser ikompli bil-ħidma tiegħu biex dan il-ġemellaġġ iseħħ.

## 36.10 Fondi LESA- Proġetti fil-Komunitajiet 2022

36.10.1 Il-Kunsill approva li napplikaw għal dawn il-fondi fejn ħa nkellmu lill- Perit tal Kunsill biex permezz ta' ambjent aħjar fil-lokalita u trasport alternattiv u iktar nadif nissottomettu l-pjanti u disinni tal-proġett li għandu f'moħħu l-Kunsill għal għalqa li hemm fi Wesgħa Profs. Guze Aquilina.

## 36.11 Tisbieħ tal-Playingfield

36.11.1 Il-Kunsill kien applika għal skema maħruġa mid-DGL biex jinbidel l-equipment tal-bandli kollu inkluż it-tapit pero' għadu ma ngħatax rispostan jekk ġiex approvat jew le.

## 36.12 Traffic Island fi Triq Il-Kannizzata kamtuniera ma' Triq Birbal

36.12.1 Dan il-punt ġie diskuss matul din il-laqgħa (Item 36.3 Nru 35.12)

## 36.13 Skemi maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

36.13.1 **Skema 1/2020 – Proġetti mill-Kunsilli Lokali**

<u>Dawl fit- Toroq fi zmiem il-Milied</u>

Id- Deputat Seg infurma lill-Kunsill li fir-rigward tal-kwotazzjonijiet għal installar ta' dawl dekorattiv fi zmien il-Milied ngħata lis- Sur Noel Borg għas-somma ta' €4790 wara li ġew sottomessi zewġ kwotazzjonijiet peress li t-tielet wieħed ma wegibx.

36.13.2 Korsijiet TCTC

Id- Deputat Seg ressaq fuq il-mejda tal-Kamra talba mit- RCTC għal xi ħlasijiet addizjonali fir -rigward tal-kors ta' l- ECDL. Is- Sindlu talab lil- Viċi Sindku tagħmel komunikazzjoni magħhom u jiġu ċċarati dawn it-talbiet kemm f'dan ir-rigward kif ukoll li l-kosijiet ta' l-Ecitizens fejn bħala Kunsill ser ninsitu li l-korsijiet ta' l-anzjani isiru ġewwa l-Kunsill u mhux in- Naxxar.

36.13.3 Planters

Is- Sindku staqsa jekk ġewx ordnati żewġ planters kbar biex jiġu mpoġġija fi Pjazza Bertu Fenech. Is- SE wieġeb li għad le u ser jara li jkollna xi kwotazzjonijiet għal laqgħa li jmiss.

36.13.4 **Skema 10/ 2020- Avvenimenti Soċjo Kulturali**

Is- Sindku infurma lill-Kunsill li nhar is- Sibt 2 ta' Ottubru ser ssir laqgħa mar-rapprezentanti taz-zewg baned f'Ħal Balzan biex tiġi mistħarrġa l-possibilita' li jsir kunċert soċjo kulturali flimkien.

## 36.14 Jum Ħal Balzan

36.14.1 Is- Sindku kien ta' l-opinjoni li jekk is- Sibt 2 ta' Ottubru l-laqgħa mar-rapprezentanti taz-zewġ baned tkun pożittiva, dan il-kunċert jkun jista' jifforma parti minn Jum Ħal Balzan. Jekk din ma tkunx possibbli huwa kien ta' l-opinjoni li jiġi identifikat weekend partikolari u ssir dak nhar. Għaldaqstant is- Sindku kien qed jipproponi li din l-attivita' ssir nhar il-Ħadd 28 ta' Novembru 2021. Il-Kunsill qabel mal-proposta u kollox jiddependi mill-laqgħa mal-baned. Sadanittant għandhom jiġu ordnati u mixtrija il-premijiet kif ukoll jiġi organizzat festin żgħir għal okkażjoni.

## 36.15 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

36.15.1 Disponiment ta' xi assi tal-Kunsill

Is-SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra assi li ġew mixtrija mill-Kunsill li kienu CCTV cameras u li spiċċaw jiffunzjonaw u nxtraw oħrajn biex jinqataw mill-kotba finanzjarji tal-Kunsill. Il- Kunsill approva

36.15.2 Zbir ta pjanti mal-faċċata

Saret talba biex isir xi żbir ma' faċċata ta' dar fi Triq Il-Kbira kantuniera ma Triq Santa Marija. Il-Kunsill talab li SE jikteb lis-sidien tad-dar biex jagħmlu iz-zbir meħtieġ ghax qed jgħatti lampa tat-triq.

36.15.3 Sprall mkisser

Is-SE infurma lill Kunsill li kiem hemm xi mkisser fi Sqaq Nru 3, Triq Santa Marija biex jiġi rranġat. Il-Kunsill approva.

36.15.4. Talba għal leave mġedded

Qed issir talba biex xi leave ta' din is-sena tas- Sna Hundsrucker jiġi mġedded għas-sena d-dieħla. Il-Kunsill approva.

36.15.5 Cirkolari Nru SPI/SCI/6/2021

Espressjoni ta' interess għal Finanzjament Milied- Attivitajiet fi żmien il-milied.

36.15.6 Community Policing

Talba biex ssir laqgħa mal-Kunsill fejn ser jiġi diskuss l-introduzzjoni ta' Community Policing ġewwa l-lokalita.

36.15.7 **Elezzjoni Kumitat Ezekuttiv AKL**

Il-Kunsill ġie mgħarraf li nhar is- Sibt 9 ta' Ottubru 2021 ser issir l-elezzjoni għal kumitat ezekuttiv ġdid ta' l-AKL. L-uffiċċju dak nhar ser ikun magħluq għal pubbliku.

36.15.8 Talba biex jiġi installat dawl tat-triq

Il-Kunsillier O. DeGaetano fuq talba ta' xi residenti li joqgħodu fi Triq Antonio Bosio biex tiġi installata bozza tat-triq ġdida. Il- Kunsill approva

36.15.9 <u>Pink October</u>

Cir AKL 2091/094- Talba biex il-Kunsill jixgħelu xi tip ta' dawl roża ma xi binjiet propjetà tal-Kunsill għax xahar ta Ottubru. Il-Kunsill ser jixgħel l-Uffiċċju u l-bandli

## 36.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

36.16.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 08/21, li tinkludi l-ammont ta' €92.15c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Awwissu 2021.

36.16.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 36.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

34.17.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.50pm.

34.17.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 24 ta' Awwissu 2021 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn 25 ta' Ottubru 2021.

IFFIRMATA

Dr Angelo Micallef
Sindku

IFFIRMATA

Mark Mallia
Deputat Segretarju
Eżekuttiv